# Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2023

## Introduzzjoni

Il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta huwa mwaqqaf skont l-Artiklu 3 tal-Att XX tal-2011. Il-15-il membru ta' dan il-Kunsill huma maħtura mill-Onor Prim Ministru, b'5 minnhom wara konsultazzjoni mal-Onor Kap tal-Oppożizzjoni. Il-President tal-Kunsill huwa ex-officio, l-Onor Ministru tal-Affarijiet Barranin. Il-membri huma maħtura għal tliet snin, bil-possibbiltà li l-ħatra tagħhom tiġi mġedda għal tliet snin oħra.

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2023.

Matul din is-sena saru diversi ħatriet ta' membri tal-Kunsill. Dawn saru wara li xi membri kien skadilhom it-tieni term tagħhom, jew l-ewwel term tagħhom u l-ħatra tagħhom ma ġietx imġedda.

Hekk il-Kunsill għas-sena 2023 kien iffurmat kif ġej:

## Iċ-Ċerpersin tal-Kunsill

L-Onor. Dr Ian Borg, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

## Membri tal-Kunsill
Is-Sur Brandon Azzopardi
Id-Dott. Antonella Berry-Brincat
Is-S.ra Edwidge Borg
Is-S.ra Georgina Bugeja (sal-20 ta' Ottubru)
Is-Sur Emmanuel Camilleri
Is-S.ra Claudia Caruana
Il-Prof Josann Cutajar (sas-27 ta' Mejju)
Id-Dott. Loredana Gatt (mil-14 ta' Novembru)
Is-Sur Alexander Grima (sas-27 ta' Mejju)
Is-Sur Luke Incorvaja (mis-26 ta' Mejju)
Is-Sur Nadim Kanawati
Is-S.ra Alexandra Micallef (mil-4 ta' Diċembru)
Is-S.ra Alison Micallef (mis-26 ta' Mejju)
Is-Sur Denis Muniglia
Is-S.ra Mona Nicholas
Is-S.ra Marie-Louise Previtera

Is-Sur Mario M Sammut
Is-S.ra Susan Schembri
Is-Sur John Vassallo (sal-1 ta' Settembru)

Segretarju tal-Kunsill: Is-Sur Joseph A Xerri

## 1. Laqgħat

L-Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011, jitlob li tal-inqas darba fis-sena għandha tiġi msejħa laqgħa tal-Kunsill li ssir f'Malta.
Il-laqgħa annwali saret bejn it-Tnejn 11 u t-Tlieta, 12 ta' Settembru 2023 taħt it-tmexxija tal-Onor. Dr Ian Borg, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ fil-kapaċità' tiegħu ta' Ċerpersin tal-Kunsill. Għaliha attendew il-maġġoranza tal-membri li kienu ġejjin mill-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, l-Unjoni Ewropea u Malta.

Għal din il-laqgħa ġew mistiedna biex jieħdu sehem fid-diskussjonijiet u jagħtu tagħrif dwar it-temi li jikkonċernawhom dawn il-kelliema:

| | |
|---|---|
| E.T. S.ra Caroline Whelan | Ambaxxatriċi tar-Repubblika tal-Irlanda għal Malta |
| S.ra Karen Farrugia | Manager II (Riċerka), l-Uffiċju tal-Affarjiet Internazzjonali, Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal |
| E.T. Sur Clint Tanti | Ambaxxatur tar-Repubblika ta' Malta għall-Belġju |
| Dott. Jacqueline Zammit | Lettriċi, il-Fakulta tal-Edukazzjoni, l-Universita ta' Malta |
| Sur Russell Muscat | Manager, l-Uffiċju tal-Affarjiet Internazzjonali, Heritage Malta |
| Sur Jason Zammit | Senior Manager, Aġenżija Żgħażagħ |
| Sur Godwin Warr | Direttur Ġenerali, Small Business & Crafts Unit, Commerce Department, Ministeru ghall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet |
| S.ra Michelle Bonello | Officer in Grade 4, Small Business & Crafts Unit, Commerce Department, Ministeru ghall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet |
| S.ra Ramona Saliba | Director Strategy and Policy, Malta Council for Science and Technology |

## 2. Diskussjonijiet u Deċiżjonijiet

L-Aġenda tal-Laqgħa kienet tkopri diversi temi fosthom: Ix-xogħol u l-għanijiet tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra, il-'Life Certificate' għall-pensjonanti Maltin li jgħixu barra, il-promozzjoni tal-lingwa Maltija permezz ta' proġetti fl-ambaxxati, opportunitajiet għat-tagħlim tal-Malti għan-nies Maltin li jgħixu barra, il-wirt storiku Malti, l-irwol taż-żgħażagħ fid-dijaspora Maltija, il-proposta għall-ftuħ ta' konsolat f'San Francisco, u r-reviżjoni tal-Att XX tal-2011

### 2.1 Ix-xogħol u l-għanijiet tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra

Il-Kunsill stieden lill-E.T. is-Sinjura Caroline Whelan, l-Ambaxxatriċi tar-Repubblika tal-Irlanda għal Malta, biex tispjega l-istrateġija tal-gvern Irlandiż dwar id-dijaspora Irlandiża. L-E.T. S.ra Whelan tkellmet dwar l-importanza tad-dijaspora għall-gvern Irlandiż, li tinkludi dawk in-nies li għandhom affinita jew li għandhom interess speċifiku għall-Irlanda, kif ukoll il-kunċett ta' '*reverse diaspora*'. L-E.T. S.ra Whelan spjegat kif nies li juru interess għall-kultura Irlandiża jgħinu sabiex tissaħħaħ id-dijaspora.

L-E.T. S.ra Whelan fehmet kif l-isport, l-mużika, l-kultura u t-teknoloġija huma mezzi b'saħħithom biex ikun hemm sens ta' komunità fil-komunitajiet diversi ta' Irlandiżi li jgħixu barra mill-Irlanda. Għamlet enfasi ukoll fuq il-preservazzjoni tal-lingwa Irlandiża. Spjegat kif il-gvern Irlandiż investa fid-dijaspora permezz ta' skema finanzjarja u strateġija ta' politika soċjali olistika biex tħares id-drittijiet tad-dijaspora. Din l-istrateġija saret wara konsultazzjoni pubblika u investiment finanzjarju mill-gvern Irlandiż.

Wara diskussjoni, il-Kunsill issuġġerixxa li titfassal strateġija għall-ħames snin li ġejjin sabiex jissaħħaħ ix-xogħol tal-Kunsill u tkompli tiffjorixxi d-dijaspora.

Attwalment tnejn mill-membri tal-Kunsill offrew li jifformulaw *roadmap* biex issir din l-istrateġija. Abbozz ta' din *ir-roadmap* ġie ippreżentat lill-membri tal-Kunsill għall-konsiderazzjoni tagħhom.

### 2.2 Il-'*Life Certificate'* għall-pensjonanti Maltin li jgħixu barra

Il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-istat ta' Victoria fl-Awstralja tkellmu dwar kif numru ta' anzjani Maltin li għadhom jieħdu pensjoni minn Malta sabu diffikultà biex jirċievu l-pensjoni jew biex iħallsu lura pagamenti żejda li jkunu irċevew.

Is-Sinjura Karen Farrugia spjegat kif hemm ftehim bejn il-gvern Malti u l-gvern Awstraljan fuq l-iskambju tad-data u sabiex ikunu notifikati l-anzjani kkonċernati dwar

dawn il-pagamenti żejda. Fehmet kif il-pensjonijiet Maltin jitħallsu bil-quddiem u kif il-gvern Malti jagħti 45 ġurnata sabiex il-pensjonant ikun jista' jwieġeb fuq dan il-ħlas żejjed, u li hemm perjodu ta' xahrejn jew tliet xhur biex jintwieġbu dawn it-talbiet.

Il-Kunsill ħeġġeġ fuq l-importanza ta' notifikazzjonijiet għal dawk il-persuni mnissla bħala '*next-of-kin*' tal-pensjonanti dwar kwistjonijiet relatati ma' dawn il-pensjonijiet.

Is-S.ra Farrugia ikkonfermat illi s-suġġerimenti tal-Kunsill, fosthom emendi fuq il-formola diġitali tal-'*Life Certificate*' ser jiġu kkunsidrati.

## 2.3 Il-Promozzjoni tal-Lingwa Maltija Permezz ta' Proġetti fl-Ambaxxati

L-E.T. is-Sur Clint Tanti, l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Belġju, irrakkonta dwar proġett għat-tagħlim tal-lingwa Maltija ġewwa l-Belġju permezz tal-ftuħ ta' librerija ta' kotba bil-Malti għat-tfal Maltin. Spjega ukoll kif ġiet organizzata 'Lejla Letterarja' fejn għamel intervent il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u tal-Kummerċ, l-Onorevoli Dott. Ian Borg.

Il-Kunsill issuġġerixxa li din l-inizjattiva tkun ripetuta f'kull ambaxxata. Barra minn hekk, ġiet proposta l-idea ta' ċentri kulturali għall-promozzjoni tal-lingwa u l-kultura Maltija madwar id-dinja, kif ukoll sit elettroniku favur il-preservazzjoni tal-Malti. Il-Kunsill ħeġġeġ ukoll sabiex ikunu hemm baġits ċari li jistgħu jinkisbu għal kull ambaxxata għal dan l-iskop.

## 2.4 Opportunitajiet għat-Tagħlim tal-Malti għall-Maltin Li Jgħixu Barra

Suġġett li jitqajjem għal sena wara l-oħra huwa dak tat-tagħlim tal-ilsien Malti.

It-tagħlim tal-Malti isir f'diversi pajjiżi fejn hemm il-Maltin, fosthom il-Kanada, l-Istati Uniti u fl-Awstralja fejn it-talba għal dan it-tagħlim hija konsistenti, iżda aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed ikun diffiċli li dan isir fiżikament minħabba nuqqas ta' għalliema tal-Malti. Għalhekk qed isir sforz biex dan ikun jista' jsir ukoll virtwalment.
Sfortunatament il-ħolqien ta' pjattaforma diġitali tal-Ilsien Malti li qed jaħdem fuqha l-Ministeru għall-Edukazzjoni l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. waqa' lura għax għalkemm ħarġu żewġ offerti (*tenders)*, dawn ma kisbux ir-riżultat mixtieq u issa qed isiru taħditiet bejn id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-Ministeru għall-Edukazzjoni l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. biex isir valutazzjoni tas-sejħa.

Sadanitant diġa qed isir użu minn xi pjattaformi virtwali li diġà jeżistu biex isir dan it-tagħlim.
Imma dawn il-pjattaformi mhumiex interattivi kif mixtieqa mill-membri tal-Kunsill.

Għalhekk, il-Kunsill ippropona li tinħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet għal korsijiet ta' tagħlim interattiv tal-lingwa Maltija għaż-żgħażagħ u l-adulti, li jsiru f'ħinijiet addattati għal żoni b'ħinijiet differenti.

Dott. Jacqueline Zammit spjegat kif diġà jeżistu korsijiet bħal dawn li huma offruti mill-Università ta' Malta. Semmiet ukoll inizjattiva riċenti ta' kors tat-tagħlim tal-Malti għal għalliema tal-Malti fl-Awstralja.

**2.5 Il-Wirt Storiku Malti**

Il-Kunsill tenna l-importanza ta' programmi ta' gwida u *networking* għall-każini u assoċjazzjonijiet tad-dijaspora Maltija u t-tnedija ta' pjattaformi għall-promozzjoni tal-istorja ta' dawn l-għaqdiet.

Is-Sur Russell Muscat tkellem dwar ix-xogħol li tagħmel il-Heritage Malta fuq il-wirt storiku tanġibbli ta' Malta. Tkellem ukoll fuq id-disponibbiltà ta' riżorsi dwar l-istorja u l-wirt tanġibbli Malti fuq is-sit elettroniku ta' Heritage Malta. Is-Sur Muscat ikkonferma ukoll li se jittellgħu iktar riżorsi fuq is-sit elettroniku fil-futur.

**2.6 L-Irwol taż-Żgħażagħ fid-Dijaspora Maltija**

Ġie imsemmi il-bżonn ta' iktar impenn u ingaġġ maż-żgħażagħ ta' dixxendenza Maltija, speċjalment fil-kuntest tal-Forum Virtwali għaż-Żgħażagħ Maltin li Jgħixu Barra li sar f'Ottubru 2022.

Is-Sur Jason Zammit tkellem dwar l-irwol tal-Aġenzija Żgħażagħ biex isiru iktar sforzi biex nattiraw aktar żgħażagħ fid-dijaspora lejn il-kultura Maltija. Għamel enfasi fuq il-bżonn ta' gwadann għaż-żgħażagħ ikkonċernati biex ikun hemm interess. Is-Sur Zammit semma ukoll kif l-Aġenzija Żgħażagħ kellha rwol attiv fil-pjanar tal-Forum Virtwali tal-2022, kif ukoll fil-finanzjament tal-għaqdiet tal-baned.

**2.7 Il-Proposta għall-Ftuħ ta' Konsolat f'San Francisco**

Filwaqt li ntwera apprezzament għat-tħabbira tat-twaqqif ta' Kummissjoni Għolja Maltija fil-Kanada, sar ukoll suġġeriment biex jinfetaħ konsolat ġenerali f'San Francisco, minflok il-konsolat onorarju li diġà teżisti, sabiex takkomoda l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet mill-Maltin għal passaporti, ċittadinanza u reġistrazzjoni tat-twelid u tal-mewt.

## 2.8 Proposta dwar it-Titjiriet bejn Malta u New York

Sar suġġeriment biex it-titjiriet li qed jissemmew li ser jsiru bejn Malta u New York, tiġi nkluża waqfa f'Toronto, il-Kanada. Dan is-suġġeriment ser jitressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Ethiopian Airlines li qegħdin f'diskussjonijiet dwar dawn it-titjiriet.

## 2.9 Membri tal-Kleru Maltin fost l-Emigranti

Tqajjmet għal darb'oħra l-problema ta' nuqqas ta' membri tal-kleru Maltin fil-kommunitajiet Maltin fl-Awstalja, il-Kanada u postijiet oħra.

Attwalment matul is-sena kemm il-Kurja ta' Malta, kif ukoll dik ta' Għawdex ġew ikkuntattjat dwar din il-problema. Sfortunatament fis-sitwazzjoni preżenti, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi lokali ftit li xejn jistgħu jgħinu minħabba nuqqas ta' vokazzjonijiet u numru dejjem akbar ta' saċerdoti li qed jirtiraw jew jiġu nieqsa.

## 3.00 **Elezzjoni tal-Parlament Ewropew**

Għal darb'oħra tqajjmet ukoll il-kwistjoni biex il-Maltin kollha li jgħixu barra minn Malta u għandhom Passaport Malti jkunu jistgħu jivvotaw fl-elezzjoni għall-Parlament Ewropew, kif ukoll li jitnieda proġett pilota fejn il-Maltin li huma eliġibbli għall-vot u Jgħixu fir-Renju Unit ikunu jistgħu jivvotaw fil-Kummissjoni Għolja Maltija f'Londra.

## 3. Ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011

Matul is-sena 2023, il-proċess ta' reviżjoni tal-Att XX tal-2011 ngħata mbuttatura qawwija.
Wara li ttieħdu f'kunsiderazzjoni, il-kummenti tal-membri tal-Kunsill Għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, il-Kunsill mad-Direttorat għas-Servizzi Konsolari u l-Maltin li Jgħixu Barra flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill għamlu reviżjoni nterna tal-Att, u lejn tmiem is-sena 2023, ġie sottomess abbozz finali bil-proposti ġodda flimkien mad-dokumenti neċessarji mitluba mill-Kabinett sabiex jiġi approvat l-abbozz u jitressaq għad-diskussjoni tal-Parlament..

L-abbozz jinkludi numru ta' bidliet li jikkonċernaw l-formazzjoni tal-Kunsill, in-numru ta' membri fuq il-Kunsill, ix-xogħol tal-Kumitati Reġjonali u l-irwoli tal-membri tal-Kunsill. L-Att emendat għandu jirrifletti r-realtajiet tad-dijaspora Maltija kif inhi illum il-ġurnata.

### 4. Iċ-Ċerimonji tal-Għoti taċ-Ċertifikati taċ-Ċittadinanza Maltija

Matul is-sena 2023, ġie mniedi il-proġett taċ-Ċerimonji tal-Għoti taċ-Ċertifikati taċ-Ċittadinanza Maltija. Dan il-proġett jikkonsisti minn avvenimenti li jiġu organizzati mill-ambaxxati fejn ġie mogħtija ċertifikati li jikkonfermaw l-għotja taċ-ċittadinanza Maltija, bħala ġest ta' apprezzament għall-Maltin li jgħixu barra, kif ukoll biex tinħoloq sens ta' affinita għal Malta minn dawk li jirċievu ċ-ċertifikati.

Il-proġett pilota ġie mniedi fi tliet ambaxxati, ġewwa l-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada. Fis-sena 2023, saru erba' ċerimonji u ngħataw 63 ċertifikat.

### 5. Il-Forum Virtwali għaż-Żgħażagħ Maltin u Żgħażagħ ta' Dixxendenza Maltija

Fis-16 ta' Settembru 2022, ġie organizzat l-ewwel Forum virtwali għaż-żgħażagħ Maltin u Żgħażagħ ta' dixxendenza Maltija bit-tema: *I want to Connect: Maltese Language Culture and Identity*. Il-forum sar fuq proposta tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u wara li l-Ministeru għamel stħarriġ fost għadd ta'żgħażagħ ta' dixxendenza Maltija. Il-

Il-Forum kien organizzat flimkien ma' Aġenzija Żgħażagħ u għalih attendew virtwalment żgħażagħ minn madwar id-dinja.

Fis-sena 2023, sar il-pjan sabiex ikun organizzat t-tieni Forum għaż-żgħażagħ Maltin u ta' dixxendenza Maltija bit-tema: *IMAGINE – a new world to discover – the impact of climate change of present and future generations*. Il-forum kien ser isir b'mod *hybrid*, fejn kien se jkun hemm il-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ ġewwa Malta direttament mill-uffiċini tal-Agenzija Żgħażagħ ġo Santa Venera. Il-forum kien se jinkludi ukoll il-parteċipazzjoni ta' għaqdiet taż-żgħażagħ Maltin, fosthom il-Kunsill Studenti Universitarji u l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-forum kien se jsir fit-27 ta' Ottubru 2023 fis-6 ta' filgħaxija.

Minkejja l-isforz sinifikanti li sar mill-Kunsill u mid-Direttorat tal-Maltin li Jgħixu Barra, flimkien mal-Aġenzija Żgħażagħ u l-Ambaxxati Maltin madwar id-dinja, ġie deċiż li l-forum jiġi pospost minħabba nuqqas ta' interess miż-żgħażagħ barra minn Malta.

### 6. Hidma tal-Membri tas-CMLA u l-Kumitati Reġjonali

Matul is-sena, il-membri tal-Kunsill kellhom laqgħat virtwali bejniethom, biex fost kollox jippreparaw temi għall-aġenda tal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill, kif ukoll biex jiddiskutu diversi temi u attivitajiet li jinteressaw il-kommunitajiet tal-Maltin li jgħixu fil-lokalitajiet tagħhom.
Huma ħadu ħsieb ukoll biex diversi mezzi, fosthom b'laqgħat attwali u virtwali, ir-radju u l-media soċjali, newsletters eċċ, jiltaqgħu u jwasslu nformazzjoni, kif ukoll jisimgħu lid-diaspora Maltija.

Matul is-sena, il-membri tal-Kunsill ikunu f'kuntatt kontinwu mas-Segretarju tal-Kunsill u jressqu l-proposti tagħhom kif ukoll xi talbiet għall-għajnuna li jirċievu minn għand xi ndividwi jew għaqdiet.
Sadanittant is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur responsabbli mid-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kienu f'komunikazzjoni kontinwa bejniethom, biex tiġi ikkordinata l-ħidma li kienet meħtieġa fl-interess tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, fosthom bl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-Laqgħa Annwali tal-Kunsill..
Fl-istati u r-reġjuni fejn ġew imwaqqfa l-Kunsilli Reġjonali, il-membri tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, li huma nkarigati minn dawn il-kunsilli, żammu għadd ta' laqgħat li, fost kollox, servew biex il-membri tal-Kunsilli Reġjonali jkunu jistgħu jressqu l-proposti tagħhom għall-Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali, jagħtu tagħrif dwar il-komunitajiet Maltin tal-lokal tagħhom u jressqu l-ħtiġijiet tal-istess kommunitajiet.
Saru wkoll xi ħidmiet individwali minn diversi membri tal-Kunsill fosthom:

- Għajnuna lil xi Konsli Ġenerali fit-tħaddim tas-sistema *Consul on the move,* kif ukoll fl-organizzazzjoni tal-ewwel ċerimonja uffiċjali tal-għoti taċ-ċertifikati taċ-ċittadinanza li saret mill-konsulat Malti ta' Sydney.
- Għajnuna minn uħud mill-membri fl-organizzazzjoni taż-żjajjar tal-l-E.T. il-President ta' Repubblika ta' Malta fiż-żjarat tiegħu fost l-emigranti Maltin.
- Laqgħat ma' diversi Kummissarji Għolja għall-Malta, Ambaxxaturi u Konsli Ġenerali.
- Għajnuna fi ħtiġijiet ta' Maltin fejn jidħol il-kisba jew it-tiġdid tal-passaport, kwistjonijiet bankarji, ċittadinanza eċċ.
- Tkomplija tal-ħidma ta' membru fit-twaqqif u t-tmexxija tal-Mużew Malti f' Morwell, Latrobe Valley, Victoria, Awstralja.
  Dan il-Mużew qed jattira mhux biss Maltin tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni, imma wkoll nies oħra.
- Żewġ membri daħlu għall-inkarigu biex jabbozzaw programm ta' ħidma (*Roadmap*) biex tiġi formulata Strateġija għall-Kunsill.
  Dawn temmu x-xogħol tagħhom u issa l-abbozz ser jiġi diskuss, u wara li jiġi approvat, jibda jiġi mplimentat.
- Diversi membri kellhom laqgħat ma gruppi u Għaqdiet Maltin, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom fejn iddiskutew diversi temi fosthom kif jistgħu iħajjru aktar żgħażagħ li jkunu attivi fl-għaqdiet u l-kommunitajiet Maltin.
- Kompliet il-ħidma minn waħda mill-membri biex jixtered it-tagħlim tal-ilsien Malti billi ħadet ħsieb tikkordina d-diversi klassijiet tal-Malti mxerrda mal-Awstralja, iddisinjat u qassmet *flyers* dwar it-tagħlim tal-Malti u ddisseminat informazzjoni dwar l-Ilsien Malti minn diversi sorsi.
  It-tagħlim tal-Malti jsir kemm għal adulti kif ukoll Maltin tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni.

Waqt li kien Malta għal-Laqgħa Annwali, xi membri ħadu l-okkażjoni biex jiltaqgħu ma diversi ndividwi u entitajiet li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal Maltin li jgħixu barra.

## 7. Konklużjoni

Huwa ttamat li r-reviżjoni tal-Att XX tal-2011, isseħħ kemm jista' jkun kmieni matul is-sena 2024, sena li fiha ser ikun hemm tibdil qawwi fil-Kunsill billi l-maġġoranza tal-membri ser itemmu t-tieni term tagħhom u għalhekk iridu jinħatru membri ġodda. Billi din-reviżjoni tinkludi wkoll tibdil fin-numru ta' membri l-approvazzjoni tar-reviżjoni tal-Att mill-Parlament jgħin fil-proċess tal-ħatra tal-membri ġodda tal-Kunsill.
Huwa mistenni li fl-istess żmien ikun ukoll ġiet fformulata l-Istrateġija tal-Kunsill għall-ħames Snin li ġejjin li permezz tagħha u tar-reviżjoni tal-Att tingħata ħajja ġdida lill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.